# *Is-surmast Salvatore Mallia*



* Is-surmast Salvatore Mallia twieled is-Siġġiewi fil-21 ta' Settembru 1872. Il-ġenituri kienu Nikola Mallia u Rosa neè Scicluna. Huma kellhom tifel ieħor li kien jismu Pietru. Filwaqt li Salvatore għamel isem fil-qasam mużikali, Pietru għamel isem fil-qasam ta' l-arkitettura.

Fiż-żgħożija tiegħu Mro. Salvatore Mallia kellu magħġuna fih tendenzi qawwija lejn il-mużika, tant li meta hu wera din ix-xewqa lill-ġenituri tiegħu, dawn ma qablux miegħu u għallmuh is-sengħa ta' skarpan. Meta hu iżda wera din ix-xewqa lil nanntu Evanġelista (li kienet mill-Gudja), din, kontra r-rieda tal-ġenituri tiegħu, qabbditlu t-triq biex jistudja din l-arti mużikali u saħansitra xtratlu klarinett.

Bil-moħbi tal-ġenituri tiegħu, hu kien imur jistudja l-klarinett fl-għalqa tal-familja tiegħu. Minbarra l-mużika Salvatore kellu wkoll id-delizzju tal-kaċċa. Mro. Salvatore Mallia kien iżżewweġ lil Marianna neè Aquilina u kellhom erbat itfal: Karmenu, Giużeppa, Nikola u Nazzarenu.

Meta kien għadu żagħżugħ, daħal mar-Royal Malta Artillery u kien idoqq l-ewfonju. Mar-riġment kien bniedem tas-servizz, iddixxiplinat u onest, tant li kien maħbub minn kulħadd. B'dawn il-kwalitajiet tant sbieħ, hu laħaq surġent tar-riġment filwaqt li baqa' jissaħħaħ u jispeċjalizza fl-arti mużikali. Bil-kapaċità li wera f'dan il-qasam, is-surġent Salvatore Mallia ngħata l-inkarigu li jidderieġi l-banda tar-riġment fl-assenza tas-surmast direttur meta kien imsiefer **(1)**.

Bħala Innu lil Patrun Tagħna San Gejtanu, minn stħarriġ li għamilt sibt li qabel dan l-Innu, li nkiteb fl-1920, kienu diġà nkitbu oħrajn minn Mro. Edwardo Farina (1894) **(2)**; Mro. Giuseppi Sammut (1906) **(3)** u l-Professur Salvatore Abela Scolaro (1908) **(4)**. Dawn ma kellix ix-xorti li niltaqa' magħhom s'issa. L-Innu li nkiteb minn Mro. Edwardo Farina kien l-ewwel Innu ddedikat lil Patrun San Gejtanu minn banda Ħamruniża.

Mro. Salvatore Mallia dderieġa l-Banda San Gejtanu bejn l-1914 u l-1920. Minbarra li ħadet sehem fil-festa tal-patrun tagħna San Gejtanu, il-Banda kienet ħadet sehem ukoll fil-festi ta' San Ġwann, il-Qalb ta' Ġesù eċċ. Hi ħadet sehem ukoll fil-festa tas-Santissima Trinità meta fl-1914 il-Marsa saret parroċċa **(5)**.

Taħt id-direzzjoni ta' Mro. Salvatore Mallia, il-Banda San Gejtanu ħadet sehem ukoll fil-festi ta' San Publiju **(6)**; Sant'Elena **(7)**; Stella Maris **(8)**; San Duminku **(9)**; Corpus, Rabat **(10)**; l-Irxoxt fil-Belt Valletta **(11)**; il-festa tal-Verġni Marija f'Ħ'Attard **(12)**; fl-Argotti, San Vinċenz De Paola **(13)**; Santa Venera **(14)** u t-tifkira tal-Kungress Ewkaristiku **(15)**.

L-innu ta' Mro. Salvatore Mallia, li se jindaqq din is-sena mill-Banda San Gejtanu fil-programm mużikali li se ttella' nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Awissu fuq iz-zuntier tal-knisja, kien indaqq għall-ewwel darba nhar is-Sibt, 7 ta' Awissu, 1920. Dakinhar il-Banda San Gejtanu kienet komposta minn 60 bandist u 33 vuċi, li kien jikkonsisti f'kor tat-tfal; it-tifel solista Victor Muscat; it-tenur Alf. Galea u l-baritonu Gius. Duca u kien imqassam fi tmien partijiet **(16)**.

Xieraq li wieħed juri l-kapaċitajiet ta' dan is-surmast li minbarra li dderieġa l-Banda

San Gejtanu, hu kellu f'idejh ukoll il-Baned L'Isle Adam tar-Rabat; Queen Victoria taż-Żurrieq; il-Banda Unjoni ta' Ħal-Luqa; San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ; il-Banda Vilhena tal-Furjana u "Nikolina" tas-Siġġiewi.

Din l-aħħar banda ġiet fdata lilu fl-1899 meta kellu 27 sena biss. Kien fl-1934 li hu għadda t-treġija ta' din il-banda lil ibnu Karmenu. Uħud minn dawn il-baned għandhom arranġamenti li Mro. Salvatore Mallia għamel lil ċerta mużika operistika, fosthom il-Grand March; marċi sinfoniċi; marċi trijonfali u marċi funebri (17). Mro. Salvatore Mallia kien idderieġa wkoll għal xi żmien lil baned La Valette (19); Pinto ta' Ħal-Qormi (20) u Duke of Connaught ta' Birkirkara (20).

Mro. Salvatore Mallia miet nhar il-Ġimgħa l-Kbira ta' l-1937 u l-funeral tiegħu ġie organizzat mill-Banda "Nikolina" tas-Siġġiewi. Il-banda "Nikolina" ngħaqdet f'banda waħda ma' L'Isle Adam tar-Rabat u Unjoni ta' Ħal-Luqa sabiex daqqet għadd ta' marċi funebri. Għall-funeral tiegħu kien hemm 36 bandalora li rrappreżentaw diversi baned Maltin u Għawdxin (21). It-telfa tiegħu nħasset minn kulħadd, speċjalment minn martu Marianna li mietet ħamest ijiem warajh (22).

Fl-arkivji tal-Banda San Gejtanu, minbarra l-Innu lil San Gejtanu miktub minn Mro. Salvatore Mallia, insibu wkoll l-Innijiet li nkitbu minn Mro. Antonio Micallef (1921); Mro. Ġanni Grech (1924) u l-kapolavur, il-Kantata ta' Mro. Joseph Abela Scolaro (1947). Fis-sentejn li għaddew dawn l-innijiet kollha jkunu ndaqqew mill-Banda San Gejtanu.

Nixtieq nagħlaq dan l-artiklu billi nirringrazzja lis-Segretarju tal-Banda San Nikola, is-sur F.S.Bezzina u s-segretarji tal-Baned Queen Victoria taż-Żurrieq u San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ tal-koperazzjoni li sibt mingħandhom sabiex nikteb dan it-tagħrif dwar Mro. Salvatore Mallia.

**Horace Muscat,**
**Viċi-President.**


<u>Referenzi</u>

(1) **Programm Banda San Nikola, Is-sur F.S.Bezzina, 1979.**
(2) **Gazzetta di Malta, Corriere Mercantile Maltese, 13/1/1894.**
(3) **Daily Malta Chronicle, 3/8/1906.**
(4) **Malta, 23/7/1908.**
(5) **Malta, 4/6/1914.**
(6) **Malta, 3/5/1916; 2/5/1919 u 16/4/1920.**
(7) **Malta, 16/8/1916.**
(8) **Malta, 19/8/1916.**
(9) **Malta, 1/8/1917.**
(10) **Malta, 3/6/1917.**
(11) **Malta, 12/4/1917 u 5/4/1918.**
(12) **Malta, 3/8/1918.**
(13) **Malta, 22/6/1918.**
(14) **Malta, 30/7/1920 u The Malta Herald, 30/7/1920.**
(15) **Malta, 24/4/1919.**
(16) **The Malta Herald, 4/8/1920.**
(17) **Programm Banda San Nikola, 1978, Is-sur F.S.Bezzina; Segretarju Banda Queen Victoria, Żurrieq.**
(18) **Malta, 12/12/1919.**
(19) **Malta, 9/8/1913.**
(20) **Malta, 9/5/1906.**
(21) **Programm Banda San Nikola, 1978, Is-sur F.S.Bezzina.**
(22) **Programm Banda San Nikola, 1978, Is-sur F.S.Bezzina.**